**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Ħdax (11)

## L-Erbgħa, 4 ta' Marzu 2020

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Owen Bugeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**11.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Is-Sindku innota li l-Kunsillier, Josef Camilleri kien marid u talab biex jiġi skuzat. Dan ġie skuzat.

**11.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Registrazzjoni tal-Artijiet fin-Nadur.**

Il-Minuti tad-disa' (9) laqgħa tal-4 ta' Frar, 2020 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Is-Sindku innota li l-minuti tal-Laqgha b'Urġenza numru għaxra (10) ser jiġu approvati fil-laqgħa li jmis.

Is-Sindku talab lil Kunsilliera biex japprovaw li tiġi diskussa l-issue tar-Registrazzjoni tal-artijiet fin-Nadur, minkejja li ma hiex fuq l-agenda. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

F'dan il-ħin is-Sindku laqa' lil Ambaxxatur l-ġdid taz-Zgħazagħ, Owen Bugeja. Huwa tah introduzzjoni ta' dak li se jistenna u talbu ikun il-vuċi tas-settur tiegħu. Huwa ġie milquh mill-Kunsilliera kollha.

F'dan il-mument kien hemm ħafna nies li huma mulquta mis-sitwazzjoni fis-sala tal-laqgħa tal-kunsill. Is-Sindku innota li hu daħal f'din l-issue tar-registrazzjoni tal-artijiet minhabba l-weġgħat tan-nies li sar registrazzjoni fuq d-djar u propjeta tagħhom minn terzi. Saret registrazzjoni ta' zewg areas kbar ħafna li partijiet kbar mill-area huma djar residenzjali. Hu kompla jgħid li qed jipprova jiġbor informazzjoni kemm jista' u li bħala kunsill għandna ngħinu lil residenti kemm nistgħu izda aħna bhala Kunsill ma aħniex esperti. Hu qal li l-issue diġa waslet għand il-media u ħafna oħrajn u talab lil Kunsilliera biex ikun hemm l-għaqda f'dan il-mument u kullhadd jiġbor kemm jista' informazzjoni u ngħadduha lil xulxin. Il-Kunsilliera kollha ressqu l-opinjoni tagħhom li llkoll kienu favur li nkunu ta' spalla għar-residenti u li nibqgħu magħqudin.

Ġie maqbul bejn il-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill għandu jitlob pariri leġali mingħand nies professjonisti fosthom nutara, avukat u periti. Is-Sindku ta permess lil dawk preżenti fis-sala biex jitkellmu.

Kien hemm qbil li isir laqgħa pubblika nħar is-Sibt fl-10 am fejn ikun hemm ukoll nies professjonisti.

**11.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta update dwar is-sitwazzjoni Finanzjarja. Daħlu €4,800 tal-LESA li kienu ilhom pendenti minn naha tar-Regjun ta' Għawdex fl-accounts tal-Kunsill. Għadna irridu ndaħħlu €4,000 Halloween, €2,000 Central Bank Balance, €15,000 Karnival mingħand MGOZ, €11,000 skema DLG tal-Karnival u €1,500 GSD tal-Karnival. Ser jinħargu pagamenti ta madwar €3,000 fuq kontijiet pendenti ta' Richard Cauchi kif ukoll €10,000 lil Gatt tarmac Ltd bħala PPP. Kien hem qbil fuq dawn il-pagamenti.

Is-Segretarja innotat li rigward tipping fees tas-sena 2019 jidher li l-Kunsill ser ikollu iħallas ukoll u qed naraw biex jingabru l-bqija tal-fondi tal-Co-financing fuq Rural Roads.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hem qbil unanimu fuq l-iskeda ppreġentati u dawn ġew iffirmati.

Is-Sindku innota ukoll li l-kont ta' D Illumination ġie imnaqqas b'€1,000 peress li item li kienet inkluz fil- prezz tal-kwotazzjoni ma ġietx installata fuq il-post.

**11.4. Quarterly Report Q4 2019 u Budget 2020**

Kien hemm prezenti l-Accountant tal-Kunsill li tat spjegazzjoni dettaljata tal-qagħda finanzjarja fil-kontijiet kurrenti tal-Kunsill Lokali u spjegat il-Quarterly report Q4 2019 u Budget 2020 u anke irrispondiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

Il-Quarterly Reports Q3 2019 u Budget 2020 gew approvati unanimament.

**11.5. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Updates mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

11.5.1. Aperturi Kunsill – Dawn ser jagħmillhom il-ħaddiem.

11.5.2. Qtugh ħaxix – Sar f'diversi inħawi.

11.5.3. Pending: Bozza Triq Rabat, Bozza Triq Ħanaq (kemml tehel), Kurduna Triq Piju Cellini.

11.5.4. Trangat Kurduna Triq ta' Said u il-Madum fi Triq it-Tigrija.

11.5.5 Yellow lines- 1.5m fi Triq Xandriku, Triq San Gwann Belvedere Fatima.

11.5.6 Talba għal isem fi Sqaq San Blas- Dan privat u ma jista jsir xejn minn naha tagħna.

11.5.7 Bozza Triq l-Andar- Beda l-process fuq din il-bozza.

11.5.8 Printer uffiċċju Sindku- dan ġie ordnat

11.5.9. Wasteserv Truck- Fix-Xahar ta' Frar ingabar aktar minn 300kg.

11.5.10. Zviluppi wara Laqgħa mal-Ministru għal Għawdex:

a. Triq Mgarr – għadna mingħajr informazzjoni fuqha.

b. Triq ta' Kenuna u Triq il-Madonna ta' Fatima – ser jibda l-Kuntrattur

c. Triq it-Tigrija u Triq il-Qala – Wara diskussjoni fit-tul gie maqbul li niktbu lil MGOZ sabiex isir progett holistiku li jinkorpora lqugh tal-ilma li jibqa niezel wied Grejgel.

d. Daħlet Qorrot – gie maqbul li jsiru stima bis-sement u ohra tarmac u jintbghatu lil MGOZ.

e. BOQs toroq residenzjali – Il-BOQs qed isiru mill-perit.

f. Ħaddiema Siti Attrazzjoni – Is-Sindku bgħat e mail imma għadna bla risposta.

g. Railings fi Triq ir-Rabat– Ser nagħmlu talba.

h. Latrina San Blas – se issir mil-perit u tintbgħat lil MGOZ.

i. Child Care Centre u Dar Anzjani – Is-Sindku talab lil Viċi Sindku biex jaħdem fuq meetings.

11.5.11. **Kuntratt Skrivan, Peter Ray Said fi skala 15**- Kien hemm mozzjoni mingħand is-Sindku fejn talab lil Kunsill biex jiġi approvat it-tigdid tal-Kuntratt ta' l-iskrivan bi skala 15

peress li ser jgħalaq fl-ewwel ta' Marzu 2020. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issekonda din il-Mozzjoni u kunsilliera l-oħrajn ivvutaw favur.

11.5.12. **Zviluppi wara l-laqgha tar-Regjun:**

a. AED – se tehel Tal-Ħali – se napplikaw għal metre tad-dawl.

b. Talbuna nakkwistaw 5 kotba Gozo Portrait of an Island bhala Kunsilli. Kien hemm qbil li jinxtraw 10 kotba.

c. Laqgħat Plenarji – 13rd June AKL u 22$^{nd}$ June Regjun.

d. Progett Kotba Libreriji – se ngawdu l-Kunsilli Kollha.

e. Kuntratt Street Lightning – se jagħlaq 2020 u għaddejjin diskussjonijiet.

11.5.13. **Rigward talbiet minn Jean Paul Portelli:** talba għal linji sofor intbgħatet lil TM. Mera fi Triq Sant indrija din twaħħlet. Pendenti: Gibjun tal-Pjazza u patching Wied Grejgel.

11.5.14. **Rigward talbiet minn Joseph Vella**: Cover bozza fi Triq San Gwann fil-process. Bankini Dun Gwann Camilleri – din lesta, bozza Triq Knisja- bdejna l-process, Tx-Xirek fi Triq il-Qala- għadna qed ninsistu dwarhom. Dwar l-exhibition tal-Bolli l-Kunsillier Joseph Vella qal li għadhom qed jipprovaw isibu data. Pendenti:- Bankina San Gwann (fil-process).

11.5.15. **Rigward talbiet minn Josef Camilleri:** Rampa Triq Xandriku din lesta; Dog Bin Daħlet Qorrot dan lest ukoll. Pendenti: Maintenance Sopu.

11.5.16. **Rigward talbiet minn Eucharist Camilleri:** Is-Sigar ta' Ħdejn iċ-Cimiterju l-Qadim ser jinzabru bil-permess tal-ERA. Street management ta' Triq Duru ma Triq Rabat tlesta u intlaqa' tajjeb, Rigward talba ghal dawl provizorju f' ta' Bordin intbgħat e mail lil MGOZ.

Pendenti:- sement Triq ir-Rabat, Patching Triq il-Knisja, Ħajt f'Daħlet Qorrot u sistema ta' Pannelli f' ta' Xurdin. Rigward il-Kunċert f'Mejju ser jaħdem fuqu.

**11.6. Korrispondenza.**

6543 Cir AKL 2020/007 Laqgha tas-Sindki 22/02/20

6544 Cir AKL 2020/008 Sessjoni ta' taħriġ fuq l-Evalwazzjoni ta' Tenders 01/04/2020

6545 Cir AKL 2020/009 - Tqassim ta' Borża Organika mill-Wastserv

6546 PQ 12633

6547 Cir AKL 2020/010 #EUSEW2020 Awards: Nominate Women in Energy

6548 Cir AKL 2020/011 Invitation: "Women in Politics: overcoming the gender gap", 5 March 2020, Brussels, CoR, JDE 51

6548 Cir AKL 2020/013 Young Elected Politicians: Call for application - 2020 YEP programme

6549 PQ 13041 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Kunsilli Lokali - permessi matul l-2019

6550 Cir AKL 2020/014 Kalendarju t' Attivitajiet - AKL

6551 Cir AKL 2020/015 FW: Guidance on Coronavirus – OHSA

6552 Cir AKL 2020/016 Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 29

6553 Talba minghand Socjeta filarmonika Mnarja ghal kolloborazzjoni fil-kuncert ta' qabel l-Imnarja. Kien hemm qbil li jsir kollaborazzjoni bl-ammont ta' 1,500 euro.

6554 Talba ghal yellow lines fi Triq Sant Indrija. Kien hemm qbil.

6555 Eden Network -5-6 ta' Mejju f'Brussels. Is-Sindku informa lil Kunsilliera biex jekk hemm xi hadd interessat jattendi napplikaw.

## 11.7. Offerti Pubbliċi.

Is-Sindku innota li l-offerta *Construction of Pavements* ser jagħlaq din il-gimgħa u l-offerta Gnien il-Kunsill u *Public Toilets* u *Service of an Architect* qed jinħadmu specifications fuqhom.

***NLC/11/2019-Tender for the Resurfacing of Triq ir-Ramla il-Ħamra***:- L-orħos offerta u konformi kienet ta' Road Construction Co.Ltd għall-prezz ta' €462,267,38. Din ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

## 11.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali.

### 11.08.1. Karnival:-

Organizzat:

Kien hemm qbil li l-Konkorrenza kienet tajba ħafna imma hemm bzonn ikun hemm idejat ġodda peress li l-livell qed jonqos. Il-Karrijiet kienu xi ħaga mixtieqa. Il-Voluntiera għamlu biċċa xogħol tajba. Il-Maskeruni ħallew effett tajjeb u se inzidu minnhom. L-Exhibition li kienet idea tal-Kunsillier Jean Paul Portelli kienet okkazzjoni sabiħa u sena oħra ser jintuzaw l-arti tat-tfal fuq banners.

Spontanju:

Kien hemm qbil li n-nies dejjem izzid u rigward problemi ma kienx hemm apparti ftit issues zgħar. L-Indafa ġiet imfaħħra ħafna u anke kontroll fuq ċertu affarijiet. Is-Sindku għamel suġġeriment li hemm bzonn issir laqgħa speċjali biex nibdew nippjanaw bidliet bzonjuzi.

Is-Sindku irringrazzja lil Kunsilliera u staff tal-għajnuna waqt il-Karnival kemm spontanju u kif ukoll Organizzat.

**11.08.2 Attivita' librerija:**

Din l-attivita' ser tibda is-Sibt li gej u sar reklam fuqha. Il-Kunsillier Joseph Vella ser ikun responsabbli fuq din l-attivita. u l-programm.

**11.08.3. Attivitajiet ma' l-iskola Primarja Nadur:-**

World Reading Day 23 ta' April – Ser ikun hemm siegħa għal kull klassi. Joseph Vella ser jahdem fuq pjan.

**11.08.4. Ħarga Anzjani:-**

Din l-attivita' ser tkun fis-16 ta' marzu fejn ser imorru l-Knisja ta' Santa Lucija u Kercem.

**11.08.5. Ħad Dingli:-**

Kien hemm qbil li jkun hemm futbol tournament tat-tfal f'Ħad Dingli flimkien ma' Nadur Nursery fil-31 ta' Marzu. Il-Visit bhala Kunsill u staff ser tkun fis-28 ta' Marzu. Ser jingħata rigal pittura bl-armi minn Paul Muscat. Fil-Wirja Agrarja ta' Ħad Dingli ġie maqbul li jkun hemm Mary tal-Mosaic u Graham Gurr.

**11.08.6. Charter Library:-**

Kien hemm qbil fuq titlu mal-organizzaturi u ser nibdew naħdmu fuq dettalji qabel tigi imħabra. Is-Sindku qal lil Viċi Sindku, Eucharist Camilleri biex ikun hu responsabbli fuq din.

**11.08.7. Mnarja:-**

Is Sindku innota li l-program għadu ma giex għandna. Is-Sindku issuggerixxa li jsir ħadid apposta għaz-zwiemel mill-Għaqda Ta' Triq il-Kappillan. Fuq suggeriment tal-Kunsillier Jean Paul Portelli ser ikun hemm il-falkuni bhala show fil-wirja agrarja u ha ngibu stima ghal suckling pig minflokk l-ikel li jkun hemm is-soltu. Gew diskussi l-attivitajiet tal-Imnarja.

**11.08.8. Vyshny Volochok:-**

Id-data tentattivi huma 23 ta' Lulju sa 28 ta' Lulju u ġie deciz li għal din id-delegazzjoni gewwa r-Russia imorru l-Kunsilliera, Segretarja Ezekuttiva u staff. Dan jinkludi transfers, akkomodazzjoni, boarding u tour Moscow.

**11.08.9. Charter Sweeden:-**

Dan ser ikun fis-7 sat-30 ta' Awissu u ser jmorru Marc Finger u Jason Formosa. Kien hemm qbil unanimu.

### 11.08.10. Wine Festival

Id-dati huma 21-23 ta' Awissu. Ġew diskussi l-bands fosthom li ngibu band barranija Spirit of Smokie. Kien hemm qbil unanimu li tigi din il-band u nahdmu fuq band ohra ghal-granet l-ohrajn.

## 11.9 Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

11.9.01 Urban Greening- Is-Sindlku ta update li sar Il-Belvedere DC Cocco Palmeri, San Blas il-playing field, Gnien il-Kunsill, Pjazza Saa pietru u San Pawl u l-Bring in sites.

11.9.02 Live Streamig- issetja ma Paul Portelli u qed jaħdem fuqħa.

**11.9.03 Triq ir-Ramla l-Qadima**- Ser titlesta ittra għar-residenti u Press Conference.

**11.9.04 Triq il-Buskett**- Is-Sindku innota li mhux ser isir patching peress li hemm persuna li ma tridx u qed tghid li l-art taghha.

**11.9.05 Pending**: Gnien Kenuna dawl; Festun tal-fiss fil-Pjazzetta; Ashtray Bins Pjazza; Monument Karnival railing; Fossa gnien kunsill; Bus shelter pjazza.

**11.9.06 Kiri ta' Garage-** Is-Segretarja innutat li l-prezz għal kiri tal-garage (storage) ser ikun ta' €370 fix xahar u l-Kunsill ihallas id-dawl u l-ilma apparti ukoll. Il-Kuntratt ser ikun ta' sena u jiġġedded kull sena. Kien hemm qbil li qabel jigi iffirmat kuntratt jingabru kwotazzjonijiet oħra xorta u nimxu bl-orħos waħda. Kien hemm qbil fuq dan kollu u imbghad is-Segretarja tkellem nutara tlesti Kuntratt.

**11.9.07 Vandalizmu**:- Kien hemm vandalizmu fuq il-Ħamiem li kien hemm fuq il-Funtana ta' Triq Xandriku. Kien hemm qbil li dawn jerġgħu jinxtraw darba oħra biss. Rigward il-bank li insteraq fl-area ta' Xurdin, kien hemm qbil li dan ma jergax jiġi installat la insteraq, izda minflok isir tal-konkos.

**11.9.08 Skemi MGOZ Restawr u Kultura**:- Is-Sindku informa lil Kunsill li ser japplika hu flimkien mas-Segretarja fuq din l-iskema.

**11.9.09 Fondi EU għal *Rubble walls*-** Is-Sindku innota li bhalissa l-Kunsill mhux ser ikun qed japplika fiuq din l-iskema.

**11.10. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**11.10.1 Talba għal fencing madwar Dog park-** Is-Sindku informa lil Kunsillier, Jean Paul Portelli flimkien mal-Kunsillier Josef Camilleri biex immorru jaraw fuq il-post u imbgħad ngħaddu proposta lil Gvern Ċentrali.

**11.10.1 Sindku-** Innota li hemm bzonn tiġi ordnata bandiera ġdida għal gol-Pjazza. Kien hemm qbil fuq dan.

**11.10.3. Sindku**- Talba biex jinbidlu ismijiet tat-toroq tal-Qadddisin San Gorg Preca u San Pawlu VI. Kien hemm qbil li l-ewwel tiġi diskussa mar-residenti.

**11.10.4. Attivita' tal-Gimgħa l-Kbira**- Is-Sindku issuggerixxa li l-Kunsill jikkollabora ma' Jamie Vincent f'attivita'. Kien hemm qbil fuq dan.

**11.10.5. Bus 303-** Is-Sindku għamel suggeriment li għandha tinbgħat talba lil TM biex jerġgħu izidu l-ħinnijiet. Il-Kunsilliera Joseph Vella u l-Viċi Sindku Eucharist Camilleri għamlu suggeriment li in-Nadur għandha tiġi rotta weħidha. Kien hemm qbil li tintbgħat din it-talba.

**11.10.6 Sindku:**- Talba ghal street paint u road signs fi Triq it-Tigrija ma' Triq San Blas.

**11.10.7. Sindku:-** Talba biex titranga ħofra int u dieħel Nadur ma' Triq Duru.

**11.10.8. Sindku**: Talba għal yellow lines 1.5m fi Triq Sant Indrija.

**11.10.09**. **Sindku**- Hu għamel suggeriment li jiġu ordnati barriers li kunu tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

**11.10.10. Eucharist Camilleri**- Talba biex titħarek disabled parking fi Triq Grunju. Qbil unanimu.

**11.10.11 Eucharist Camilleri**:- Talba biex isir patching fi Triq Ħida f'zewħ ħofriet. Kien hemm qbil

**11.10.12. Eucharist Camilleri-:-** għamel suggeriment biex jekk ikun hemm fondi tal-UIF il-quddiem isir zewġ fanali fil-belvedere Duru. Din giet diskussa u kien hemm qbil li l-quddiem napplikaw ghal DPF biex isiru belvederes Triq Duru u Triq Ramla.

**11.10.13. Joseph Vella**:- Patching fi Triq San Blas il ġewwa. Kien hemm qbil.

**11.10.14. Joseph Vella:-** biex titranga tabella fi Triq San Blas u Patching fejn hemm il-Belvedere Triq Sopu. Kien hemm qbil.

**11.10.15. Joseph Vella**:- Talba għal yellow line fi Triq Fatima. Kien hemm qbil.

**11.10.16 Joseph Vella**:- Talba għal tinda għal bejħ tax-xtieli tal-għaqda.

**11.10.17. Jean Paul Portelli**:- talba biex titranga bankina fi Triq Cocco Palmeri. Kien hemm qbil.

**11.10.18. Jean Paul Portelli**:- Talba biex l-Għaqda tal-Presepju jmorru Ciccanno jiltaqgħu mad-delitanti ta' hemm. Kien hemm qbil li huma jaraw qabel minn hemm f'Cicciano fuq dan il-qasam u l-Kunsill jikkollabora.

**11.10.19. Jean Paul Portelli:-** Talba għal patching fil-Wied ta' Grejgel l-isfel fil-Wied. Kien hemm qbil.

**11.10.20. Jean Paul Portelli:-** Talba għal Yellow lines fi Triq Grunju. Is-Sindku innota li hemm ser ikun hemm residenti li ma jaqblux fuq dan. Kien hemm qbil li jara sew il-Kunsillier Jean Paul fuqhom qabel isir it-talba.

**11.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 2 ta' April, 2020 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |